

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/30

tad-29 ta' Ottubru 2021

**li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenziali fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) ta' dik id-Direttiva**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-aronizzazzjoni tal-ligġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqeqħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (¹), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3), flimkien mal-punti (d), (e) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

- (1) Il-protezzjoni tan-network jew tal-funzjonament tiegħu mill-ħsara, il-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza tal-utent u tal-abbonat u l-protezzjoni mill-frodi huma elementi li jappoġġaw il-protezzjoni kontra r-riskji ta' cibersigurta.
- (2) Kif iddiċċarat fil-premessa 13 tad-Direttiva 2014/53/UE, il-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza tal-utenti u tal-abbonati tat-tagħmir tar-radju u l-protezzjoni mill-frodi jistgħu jiddejja b'karatteristiċi partikolari tat-tagħmir tar-radju. Għalhekk, skont dik il-premessa, jenħtieġ li, f'każiżiet xierqa, it-tagħmir tar-radju jiġi ddisinjat b'tali mod li jappoġġa dawk il-karatteristiċi.
- (3) Il-5G sejkollha rwol ewljeni fl-iżvilupp tal-ekonomija u s-soċjetà digħiċċi tal-Unjoni fis-snin li ġejjin u potenzjalment se taffettwa kważi kull aspett tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni. Id-dokument bit-titolu "Cybersecurity of 5G networks - EU Toolbox of risk mitigating measures" (²) iđ-identifika sett komuni possibbli ta' miżuri li kapaċi jtaffu r-riskji ta' cibersigurta ewlenin tan-networks tal-5G u jipprovdni gwida għall-għażla ta' miżuri li jenħtieġ li jingħataw prioritā fil-pjanijiet ta' mitigazzjoni fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni. Minbarra dawk il-miżuri, huwa importanti ħafna li jiġi segwit approċċ armonizzata għar-rekwiżiti essenziali relatati mal-elementi tal-protezzjoni taċ-ċibersigurta applikabbi għat-tagħmir tar-radju 5G meta jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni.
- (4) Il-livell ta' sigurtà applikabbli taħt ir-rekwiżiti essenziali tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(3)(d), (e) u (f) biex jiġu żgurati l-protezzjoni tan-network, is-salvagħwardji għall-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza u l-protezzjoni mill-frodi ma għandux jimmina l-livell għoli ta' sigurtà mitlub fil-livell nazzjonali għal grilji intelliġenti deċentralizzati fil-qasam tal-enerġija fejn għandhom jintużaw miters intelliġenti soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti, u għat-tagħmir tan-network 5G użat mill-fornituri ta' networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³).
- (5) Ġie espress ukoll ħafna tħassib b'rabta mar-riskji ta' cibersigurta li qed jiżziedu bħala riżultat tal-użu akbar mill-professjonisti u mill-konsumaturi, inklużi tfal, ta' tagħmir tar-radju li: (i) huwa stess kapaċi jikkomunika fuq l-Internet, irrispettivament minn jekk jikkomunikax direttament jew permezz ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ("tagħmir tar-radju konness mal-Internet"), jiġifieri, tali tagħmir konness mal-Internet jopera l-protokolli meħtieġa għall-iskambju ta' data mal-Internet direttament jew permezz ta' tagħmir intermedju; (ii) jista' jkun jew ġugarell b'funzjoni ta' radju li jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴), jew inkella jkun iddisinjat jew maħsub esklużivament għall-indukrar tat-tfal, bħal monitors tat-tfal; jew (iii) ikun iddisinjat jew maħsub, esklużivament jew le, biex jintlibes, jitwaħħal jew jiġi mdendel minn kwalunkwe

(¹) ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62.

(²) Cybersecurity of 5G networks - EU Toolbox of risk mitigating measures, id-29 ta' Jannar 2020. <https://ec.europa.eu/digital-singlemarket/en/nis-cooperation-group>

(³) Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).

(⁴) Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

parti tal-ġisem tal-bniedem (inklużi r-ras, l-għonq, it-tronk, id-dirgħajn, l-idejn, ir-riġlejn u s-saqajn) jew kwalunkwe ħwejjeġ (inkluż xedd tar-ras, xedd tal-idejn u xedd tas-saqajn) li jintlibsu mill-bnedmin, bħal tagħmir tar-radju fil-forma ta' arloġġ tal-idejn, ċurkett, faxxa tal-polz, kuffja tal-widnejn, earphone jew nuċċali ("tagħmir tar-radju li jintlibes").

- (6) F'dan ir-rigward, kwalunkwe tagħmir tar-radju għall-indukrar tat-tfal, tagħmir tar-radju kopert mid-Direttiva 2009/48/KE jew tagħmir tar-radju li jintlibes, li huwa stess kapaċi jikkomunika fuq l-Internet, irrispettivament minn jekk jikkomunikax direttament jew permezz ta' kwalunkwe tagħmir ieħor, jenħtieġ li jitqies bħala tagħmir tar-radju konness mal-Internet. L-impjanti, pereżempju, jenħtieġ li ma jitqisux bħala tagħmir tar-radju li jintlibes, minħabba li dawn ma jintlibsusx, ma jitwaħħlux ma', jew ma jīgħu imdendlin minn xi parti tal-ġisem tal-bniedem jew xi ħwejjeġ. Madankollu, jenħtieġ li l-impjanti jitqiesu bħala tagħmir tar-radju konness mal-Internet, jekk huma stess ikunu kapaċi jikkomunikaw fuq l-Internet, irrispettivament minn jekk jikkomunikawx direttament jew permezz ta' kwalunkwe tagħmir ieħor.
- (7) Minħabba t-tħassib li tqajjem minħabba l-fatt li t-tagħmir tar-radju ma jiżgurax protezzjoni kontra elementi tar-riskji ta' ċibersigurtà, huwa meħtieġ li jsiru applikabbli, għat-tagħmir tar-radju fi ħdan ċerti kategoriji jew klassiċi, ir-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE assoċjati mal-protezzjoni minn ħsara lin-network, mal-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza tal-utenti u tal-abbonati u mal-protezzjoni mill-frodi.
- (8) Id-Direttiva 2014/53/UE tapplika għal prodotti li jissodisfaw id-definizzjoni ta' "tagħmir tar-radju" fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, soġġetti għall-eskużjonijiet speċifiċi speċifikati fl-Artikolu 1(2) u fl-Artikolu 1(3) ta' dik id-Direttiva. Filwaqt li d-definizzjoni ta' tagħmir tar-radju fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/53/UE tirreferi għal tagħmir li jista' jikkomunika mal-mewġ tar-radju, l-ebda rekwiżit tad-Direttiva 2014/53/UE ma jagħmel distinzjoni bejn il-funzjonijiet tar-radju u dawk mhux tar-radju tat-tagħmir tar-radju u, għalhekk, l-aspetti u l-partijiet kollha tat-tagħmir jenħtieġ li jkunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali previsti f'dan ir-Regolament delegat.
- (9) Fir-rigward tal-ħsara lin-network jew lill-funzjonament tiegħu jew l-użu ħażin tar-riżorsi tan-network, id-degradazzjoni inaċċettabbli tas-servizzi tista' tiġi kkawżata minn tagħmir tar-radju konness mal-Internet li ma jiżgurax li n-networks ma ssirilhomx ħsara jew ma jintużawx ħażin. Pereżempju, aggressur jista' jieħu kontroll assolut tan-network tal-Internet b'mod malizzju biex jimpedixxi t-traffiku leġġitmu tan-network, ifixkel il-konnessjonijiet bejn żewġ prodotti tar-radju, u b'hekk jimpedixxi l-aċċess għal servizz, jimpedixxi lil persuna partikolari milli taċċessa servizz, ifixkel servizz għal sistema jew persuna speċifika jew ifixkel l-informazzjoni. B'hekk, id-degradazzjoni tas-servizzi online tista' tirriżulta f'attakki ċibernetiċi malizzju, li jwasslu għal kostijiet, inkonvenjenzi jew riskji akbar għall-operaturi, għall-fornituri tas-servizzi jew għall-utenti. Għalhekk, il-punt (d) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE, li jirrikjedi li t-tagħmir tar-radju ma jagħmilx ħsara lin-network jew lill-funzjonament tiegħu u lanqas ma juża ħażin ir-riżorsi tan-network, u b'hekk jikkawża degradazzjoni inaċċettabbli tas-servizzi, jenħtieġ li jaapplika għat-tagħmir tar-radju konness mal-Internet.
- (10) Tqajjem ukoll tħassib fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza tal-utent u tal-abbonat ta' tagħmir tar-radju konness mal-Internet minħabba l-kapaċità ta' dak it-tagħmir tar-radju li jirregista, jaħżen u jikkondivi l-informazzjoni, jinteraqixxi mal-utent, inklużi t-tfal, meta jkun hemm speakers, mikrofoni u sensuri oħrajn integrati f'dak it-tagħmir tar-radju. Dak it-tħassib jirrigwardja, b'mod partikolari, il-kapaċità ta' dak it-tagħmir tar-radju li jirregista ritratti, filmati, data tal-lokalizzazzjoni, data marbuta mal-esperjenza tal-logħob, kif ukoll ir-rata tat-taħbit tal-qalb, id-drawwiet tal-irqaq jew data personali oħra. Pereżempju, il-konfigurazzjoni jiet avvanzati tat-tagħmir tar-radju jistgħu jiġu aċċessati permezz ta' password prestabbilita jekk il-konnessjoni jew id-data ma jkunux kriptati jew jekk ma jkunx hemm fis-seħħi mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni b'saħħtu.
- (11) B'hekk, huwa importanti li t-tagħmir tar-radju konness mal-Internet, li jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni, jinkorpora salvagħwardji biex jiġi żgurat li d-data personali u l-privatezza jiġu protetti meta jkunu kapaċi jipproċessaw id-data personali definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹) jew

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiż-żi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

id-data definita fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹). Għalhekk, jenħtieġ li l-punt (e) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE japplika għat-tagħmir tar-radju konness mal-Internet.

- (12) Barra minn hekk, fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza, it-tagħmir tar-radju għall-indukrar tat-tfal, it-tagħmir tar-radju kopert mid-Direttiva 2009/48/KE u t-tagħmir tar-radju li jintlibes joħolqu riskji għas-sigurtà anki fin-nuqqas ta' konnessjoni tal-Internet. Id-data personali tista' tiġi interċettata meta dak it-tagħmir tar-radju jarmi jew jirċievi mewgħ tar-radju u ma jkollux salvagwardji li jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza. It-tagħmir tar-radju għall-indukrar tat-tfal, it-tagħmir tar-radju kopert mid-Direttiva 2009/48/KE u t-tagħmir tar-radju li jintlibes jistgħu jimmonitorjaw u jirreġistraw għadd ta' data sensitiva (personal) tal-utent maż-żiem u jerġġhu jittrażmettuhom permezz ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni li jistgħu ma jkunux siguri. Jenħtieġ li t-tagħmir tar-radju għall-indukrar tat-tfal, it-tagħmir tar-radju kopert mid-Direttiva 2009/48/KE u t-tagħmir tar-radju li jintlibes jiżguraw ukoll il-protezzjoni tad-data personali u tal-privatezza, meta jkunu kapaċi jipproċessaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali, kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew id-data tat-traffiku u d-data tal-lokalizzazzjoni, kif definiti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/58/KE. Għalhekk, jenħtieġ li l-punt (e) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE japplika għal dak it-tagħmir tar-radju.
- (13) Fir-rigward tal-frodi, l-informazzjoni, inkluża d-data personali, tista' tinsteraq minn tagħmir tar-radju konness mal-Internet, li ma jiżgurawx il-protezzjoni mill-frodi. Tipi speċifiċi ta' frodi jikkonċernaw it-tagħmir tar-radju konness mal-Internet meta dan jintuża biex isiru pagamenti fuq l-Internet. Il-kostijiet jistgħu jkunu għoljin u ma jikkonċernawx biss lill-persuna li tkun sofriet il-frodi, iżda wkoll lis-soċjetà kollha kemm hi (pereżempju, il-kost tal-investigazzjoni tal-pulizija, il-kostijiet tas-servizzi għall-vittmi, il-kostijiet tal-provi biex jiġu stabiliti r-responsabilitajiet). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurati tranżazzjoni jiet affidabbli u li jiġi minimizzat ir-riskju li jiġi mġarrab telf finanzjarju tal-utenti ta' tagħmir tar-radju konness mal-Internet li jeżegwixxu l-pagament permezz ta' dak it-tagħmir tar-radju u tar-riċevitru tal-pagament imwettaq permezz ta' dak it-tagħmir tar-radju.
- (14) Jenħtieġ li t-tagħmir tar-radju konness mal-Internet imqiegħed fis-suq tal-Unjoni jappoġġa l-karatteristiċi biex tiġi żgurata l-protezzjoni mill-frodi meta dawn jippermettu lid-detentur jew lill-utent jittrażżi fl-flus, valur monetarju jew munita virtwali kif definiti fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁷). Għalhekk, jenħtieġ li l-punt (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE japplika għal dak it-tagħmir tar-radju.
- (15) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁸) jistabbilixxi regoli dwar apparati mediċi u r-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁹) li jistabbilixxi regoli dwar apparati mediċi dijanostiċi *in vitro*. Iż-żewġ Regolamenti (UE) 2017/745 u (UE) 2017/746 jindirizzaw ċerti elementi tar-riskji taċ-ċibersigurtà assoċjati mar-riskji indirizzati mill-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk, jenħtieġ li t-tagħmir tar-radju li għaliex japplika kwalunkwe wieħed minn dawk ir-Regolamenti ma jaqax fil-kategoriji jew fil-klassijiet ta' tagħmir tar-radju, li jenħtieġ li jkun konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE.

(⁶) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

(⁷) Id-Direttiva (UE) 2019/713 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ ĠAI (ĠU L 123, 10.5.2019, p. 18).

(⁸) Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1).

(⁹) Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

- (16) Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(10)</sup> jistabbilixxi rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, u tas-sistemi u l-komponenti tagħhom. Barra minn hekk, l-objettiv prinċipali tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(11)</sup> huwa li jistabbilixxi u jżomm livell uniformi għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(12)</sup> tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u għall-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni. Ir-Regolamenti (UE) 2019/2144 u (UE) 2018/1139 u d-Direttiva (UE) 2019/520 jindirizzaw l-elementi tar-riskji taċ-ċibersigurtà assoċjati mar-riskji stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE. Għalhekk, jenħtieġ li t-tagħmir tar-radju li għaliex japplikaw ir-Regolamenti (UE) 2019/2144 u (UE) 2018/1139 jew id-Direttiva (UE) 2019/520 ma jaqax fil-kategoriji jew fil-klassijiet ta' tagħmir tar-radju, li jenħtieġ li jkun konformi mar-rekwiżiti essenziali stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE.
- (17) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/53/UE jipprevedi rekwiżiti essenziali li magħhom għandhom jikkonformaw l-operaturi ekonomiċi. Sabiex tīgħi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, dan jipprevedi preżunzjoni tal-konformità għat-tagħmir tar-radju li jikkonforma mal-istandardi armonizzati volontarji li jiġu adottati fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(13)</sup> għall-fin i-tħalli espressjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ta' dawk ir-rekwiżiti. L-ispeċifikazzjonijiet se jikkunsidraw u jindirizzaw il-livell ta' riskji li jikkorrespondu għall-użu maħsub ta' kull kategorija jew klassi ta' tagħmir tar-radju kkonċernati minn dan ir-Regolament.
- (18) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tīgħi differita. Dan ir-Regolament ma għandux jimpidixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jikkonformaw miegħu mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħi.
- (19) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament u kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti dwar it-Tagħmir tar-Radju,

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Ir-rekwiżit essenziali stabbiliti fil-punt (d) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE għandu japplika għal kwalunkwe tagħmir tar-radju li jista' jikkomunika fuq l-Internet, kemm jekk jikkomunika direttament kif ukoll jekk permezz ta' kwalunkwe tagħmir ieħor ("tagħmir tar-radju konness mal-Internet").

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tħalli, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbi tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/520 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

2. Ir-rekwiżit essenzjali stabbilit fil-punt (e) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE għandu japplika għal kwalunkwe tagħmir tar-radju li ġej, jekk dak it-tagħmir tar-radju jkun kapaċi jiproċessa, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, id-data personali, kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679, jew id-data dwar it-traffiku u d-data dwar is-sit, kif definiti fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/58/KE:

- (a) tagħmir tar-radju konness mal-Internet, għajr it-tagħmir imsemmi fil-punti (b), (c) jew (d);
- (b) tagħmir tar-radju ddisinjat jew maħsub esklużivament għall-indukrar tat-tfal;
- (c) tagħmir tar-radju kopert mid-Direttiva 2009/48/KE;
- (d) tagħmir tar-radju ddisinjat jew maħsub, esklużivament jew mhux esklużivament, biex jintlibes fuq, jitwaħħal ma', jew jiġi mdendel minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  - (i) kwalunkwe parti mill-ġisem tal-bniedem, inklużi r-ras, l-għonq, it-tronk, id-dirgħajn, l-idejn, ir-riġlejn u s-saqajn;
  - (ii) kwalunkwe ħwejieg, inklużi x-xedd tar-ras, ix-xedd tal-idejn u x-xedd tas-saqajn, li jintlibsu mill-bnedmin;

3. Ir-rekwiżit essenzjali stabbilit fil-punt (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE għandu japplika għal kwalunkwe tagħmir tar-radju konness mal-Internet, jekk dak it-tagħmir jippermetti lid-detentur jew lill-utent jittrasferixxi flus, valur monetarju jew munita virtwali kif definiti fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/713.

## Artikolu 2

1. B'deroga mill-Artikolu 1, ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE ma għandhomx japplikaw għat-tagħmir tar-radju li għalihi tapplika wkoll waħda mil-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) ir-Regolament (UE) 2017/745;
- (b) ir-Regolament (UE) 2017/746.

2. B'deroga mill-Artikolu 1(2) u mill-Artikolu 1(3), ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2014/53/UE ma għandhomx japplikaw għat-tagħmir tar-radju li għalihi tapplika wkoll kwalunkwe waħda mil-leġiżlazzjonijiet tal-Unjoni li ġejjin:

- (a) ir-Regolament (UE) 2018/1139;
- (b) ir-Regolament (UE) 2019/2144;
- (c) id-Direttiva (UE) 2019/520.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika minn l-1 ta' Awwissu 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN